



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

---

**2015/2040(INI)**

17.4.2015

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar proċeduri u prattiki rigward is-Seduti ta' smiġħ tal-Kummissarji,  
tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-proċess tal-2014  
(2015/2040(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Michael Cramer

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-iffurmar tal-Kummissjoni Juncker ġie pospost minħabba li xi Stati Membri damu ma ħatru l-kandidat tagħhom, filwaqt li livell aċċettabbli ta' bilanç bejn is-sessi inkiseb biss fl-aħħar minuta bis-saħħa tal-insistenza soda tal-Parlament li l-Kummissjoni l-ġdida għandha tinkludu mill-inqas l-istess għadd ta' nisa li kellha l-Kummissjoni ta' qabilha; iqis li sitwazzjoni bħal din tista' tiġi evitata fil-futur billi tiġi stabbilita skadenza biex l-Istati Membri jinnominaw il-kandidati tagħhom, u billi l-Istati Membri jiġu mħeġġa jipproponu mill-anqas żewġ kandidati biex jiġu kkunsidrati mill-President elett, filwaqt li jqisu kif jixraq il-bilanç tal-ġeneri billi jinnominaw, pereżempju, mill-inqas mara waħda; jinnota li dan se jippermetti lill-President elett jagħżel l-aktar kandidati adattati, filwaqt li jqis il-kapaċitajiet speċifiċi u l-qasam ta' għarfien espert tagħhom, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat livell xieraq ta' bilanç tal-ġeneri;
2. Iqis li għandu tkun iffissata wkoll skadenza għall-adozzjoni, mill-President elett u l-Kunsill, bi qbil komuni, tal-lista ta' persuni proposti għall-ħatra bħala Membri tal-Kummissjoni, sabiex il-Parlament jingħata biżżejjed żmien biex iħejji u jmexxi b'mod xieraq is-seduti ta' smigħ, inklużi seduti ta' smigħ supplimentari fejn ikun meħtieġ;
3. Jirrikonoxxi li s-seduti ta' smigħ pubbliċi tal-Kummissarji nnominati jippreżentaw opportunità importanti għall-Parlament u għaċ-ċittadini tal-UE biex jivvalutaw il-prijoritajiet ta' kull kandidat u jekk ikunux adattati għar-rwol;
4. Iqis li meta Viċi President tal-Kummissjoni ikollu responsabbiltajiet li huma primarjament orizzontali, is-seduta ta' smigħ tista' eċċezzjonalment issir f'format differenti, bħal laqgħa tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, dment li tali laqgħa tkun miftuħa għall-membri kollha, jew laqgħa konġunta tal-kumitati rilevanti;
5. Jemmen li l-Kummissarju nnominat għandu jintalab jistabbilixxi b'mod ċar il-prijoritajiet tal-programm għall-portafoll ikkunsidrat fid-dikjarazzjoni tal-ftuħ tiegħu jew tagħha;
6. Jirrimarka li r-regola li tapplika b'mod ġenerali, ta' 45 mistoqsijiet ta' tliet minuti, kif deċiż mill-Konferenza tal-Presidenti, ma offrietx lill-kumitati flessibbiltà biżżejjed biex ivarjaw il-prattiki tagħhom fejn ikun meħtieġ, pereżempju billi jintroduċu proċedura "catch the eye" jew jallokaw aktar ħin lill-kelliema fl-ewwel rawnd, filwaqt li tliet minuti kienu totalment insuffiċjenti biex issir mistoqsija ta' segwitu; iqis li fil-futur għandhom isiru arranġamenti li joffru aktar flessibbiltà lill-kumitati, filwaqt li jiġu żgurati wkoll in-natura inkwiżitorjali tas-seduti ta' smigħ billi jsiru mistoqsijiet u tweġibiet konsekuttivi, prinċipju magħruf bħala "ping-pong";
7. Jemmen li l-mistoqsijiet waqt is-seduta ta' smigħ għandhom, tal-inqas parzjalment, jitwiegħbu f'lingwa differenti mil-lingwa materna tal-Kummissarju nnominat;

8. Jinnota li d-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-ħin tad-diskorsi bejn il-gruppi u dwar l-għadd ta' mistoqsijiet allokat lill-kumitati assoċjati/mistiedna fl-aħħar mill-aħħar ittieħdu mill-Konferenza tal-Presidenti u mill-gruppi politiċi rispettivament, għalkemm fil-passat daww l-arranġamenti kienu saru fil-livell tal-kumitati; jinnota li l-proċedura ħolqot konfużjoni, peress li l-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati inizjalment kienet issuġġeriet lill-kumitati biex jiftehmu bilateralmment fuq l-għadd ta' mistoqsijiet li kellhom jiġu allokat lill-kumitati assoċjati/mistiedna;
9. Jenfasizza li r-regola d'Hondt għall-allokazzjoni tal-ħin għad-diskorsi fost il-gruppi politiċi għandha tiġi applikata b'reqqa;
10. Iqis li jekk l-evalwazzjoni turi li ma kienx hemm maġġoranza ċara, jew jekk ikun hemm maġġoranza iżda mhux kunsens kontra kandidat, il-koordinaturi għandhom, bħala l-pass li jmiss, jitolbu seduta ta' smiġħ addizzjonali siegħa u nofs;
11. Jenfasizza li t-talba tal-Parlament għas-sostituzzjoni ta' Kummissarju nnominat jew l-allokazzjoni lilu jew lilha ta' portafoll, fuq il-bażi tal-evalwazzjoni magħmula mill-kumitat (i) responsabbli, għandha titqies għalkollox; iqis li fejn il-Parlament jitlob is-sostituzzjoni ta' Kummissarju nnominat, għandha tiġi ffixxata skadenza għan-nomina ta' kandidat ġdid mill-Istat Membru kkonċernat; ma jaqbilx mas-sitwazzjoni fejn il-kumitat ma jitħalla ebda għażla oħra ħlief li jaċċetta lill-persuna nnominata fil-każ eċċezzjonali fejn it-tieni persuna nominata minn Stat Membru jinstab li ma tkunx kwalifikata biex tinħatar membru tal-kulleġġ u biex twettaq id-dmirijiet partikolari assenjati lilu jew lilha; iqis li bħala l-aħħar alternattiva tista' tkun aċċettata estensjoni limitata tal-mandat tal-Kummissjoni uxxenti, u dan biss f'każijiet eċċezzjonali fejn il-ħtieġa għat-tħejji xierqa ta' seduti ta' smiġħ supplimentari ma tippermettix lill-Parlament japprova l-Kummissjoni l-ġdida qabel l-1 ta' Novembru;
12. Jesprimi n-nuqqas ta' sodisfazzjon tiegħu dwar il-proċedura li wasslet għas-sostituzzjoni tal-Kummissarju nnominat għat-Trasport fi żmien qasir ħafna u mingħajr konsultazzjoni minn qabel mal-kumitat responsabbli; jiddeplora l-fatt li l-persuna nnominata sussegwenti ma gawdiex kundizzjonijiet ugwali u ġusti biex tippreżenta ruħha quddiem il-Kumitat, għaliex kellha ħin limitat ħafna għad-dispożizzjoni tagħha biex tħejji lilha nnifisha għas-seduta ta' smiġħ; itenni li t-trasport huwa qasam ewlieni tal-politika li m'għandux jisfa l-vittma ta' tibdiliet fl-aħħar minuta;
13. Jenfasizza li, skont l-Anness XVI tar-Regoli ta' Proċedura, l-opinjonijiet tal-kumitati kollha assoċjati ma' seduta ta' smiġħ għandhom ikunu inklużi fi stqarrija ta' evalwazzjoni waħda; jinnota, madankollu, li dan ir-rekwiżit mhux dejjem ġie ssodisfat għalkollox; iqis, għalhekk, li d-dispożizzjoni korrispondenti jeħtieġ litissahħah billi jiġi speċifikat li l-opinjonijiet tal-kumitati assoċjati għandhom jiġu annessi fl-intier tagħhom fl-istqarrija ta' evalwazzjoni unika mingħajr l-ebda tibdil;
14. Ifakkar li, skont l-Anness XVI tar-Regoli ta' Proċedura, l-istqarrijiet ta' evalwazzjoni jeħtieġ jiġu adottati u ppubblikati fi żmien 24 siegħa wara s-seduta ta' smiġħ; jinnota, madankollu, li l-proċedura li ġiet segwita ma kinitx konformi ma' din id-dispożizzjoni, minħabba li l-istqarrijiet ta' evalwazzjoni kienu disponibbli biss wara li l-Konferenza tal-Presidenti iddikjarat li s-seduti ta' smiġħ kienu magħluqa; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi ċċarata din id-dispożizzjoni biex tkun permessa l-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet ta'

evalwazzjoni fpost fejn tidher fis-sit elettroniku tal-Parlament 24 siegħa wara l-evalwazzjoni;

15. Jitlob li jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet li ġejjin fl-Anness XVI tar-Regoli ta' Proċedura:
- 'Meta jkun possibbli, il-mistoqsijiet li jsiru matul is-seduta ta' smiġh għandhom jinġabru flimkien skont it-tema.' Din id-dispożizzjoni ġiet interpretata bħala l-ġbir flimkien tal-mistoqsijiet tal-kumitati assoċjati/mistiedna, iżda t-tema propja ta' mistoqsija mhux suppost tkun magħrufa minn qabel, għax il-mistoqsijiet m'għandhomx jiġu żvelati qabel is-seduta ta' smiġh;
  - 'Jekk ikun falla kull tentattiv ieħor, il-president għandu jressaq iż-żewġ deċiżjonijiet għal votazzjoni sigrieta.' Hu maħsub li l-kliem 'iż-żewġ deċiżjonijiet' jirreferu għal jekk 'il-Kummissarji nnominati humiex ikkwalifikati kemm biex ikunu membri tal-kulleġġ u biex iwettqu d-dmirijiet partikolari assenjati lilhom'. Madankollu, m'hemm ebda rabta evidenti bejn dawn iż-żewġ sentenzi fl-Anness XVI, u dan jista' jwassal għal interpretazzjoni ħażina.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	14.4.2015
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 44 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Daniela Aiuto, Lucy Anderson, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Deirdre Clune, Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Andor Deli, Karima Delli, Isabella De Monte, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Bruno Gollnisch, Tania González Peñas, Dieter-Lebrecht Koch, Stelios Kouloglou, Merja Kyllönen, Miltiadis Kyrkos, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Georg Mayer, Gesine Meissner, Cláudia Monteiro de Aguiar, Renaud Muselier, Jens Nilsson, Markus Pieper, Salvatore Domenico Pogliese, Tomasz Piotr Poręba, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, David-Maria Sassoli, Claudia Schmidt, Claudia Tapardel, Keith Taylor, Pavel Telička, István Ujhelyi, Wim van de Camp, Kosma Złotowski, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Rosa D'Amato, Markus Ferber, Olga Sehnalová, Patricija Šulin